# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 416/2010**

**Anthony Camilleri f'ismu proprju u bħala mandatarju ġenerali ta' ħuh imsiefer John Camilleri; Agnes Camilleri u wliedha David, Kevin u Nathalie miżżewġa Hili; Michael Camilleri u Richard Xuereb**

***v.***

**Registratur tal-Qorti ta' Malta u b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2011 giet korretta ghal Direttur, Qrati Civili u Tribunali (Malta) u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex u b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2011 giet korretta ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex) u b'digriet tal-14 ta' Dicembru, 2010 Dr. Joseph Ellis intervjena fil-kawza *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru 2012 li bih ċaħdet talba tal-atturi magħmula taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jiġu intaxxati mill-ġdid drittijiet ġudizzjarji. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Biċ-ċitazzjoni numru 135/1997 fl-ismijiet Anthony Camilleri *et v.* Maria Camilleri *et* ["il-kawża 135/1997"] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, l-atturi, li wħud minnhom huma wkoll fost l-atturi tallum, kienu talbu *inter alia* (i) dikjarazzjoni illi l-legati li kienet ħalliet ċerta Ursola Camilleri bit-testmenti tagħha kienu jaqbżu s-sehem li setgħet tiddisponi minnu, (ii) li jiġi stabilit is-sehem li setgħet tiddisponi minnu u (iii) li l-legati jiġu mnaqqsa sas-sehem li setgħet tiddisponi minnu. Il-konvenuti f'dik il-kawża ressqu eċċezzjoni illi l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku "fil-prosegwiment ta' dina l-kawża *stante* illi fil-mori ta' dina l-kawża huma għażlu li jirrinunzjaw għall-wirt tad-*de cuius* u naqsu milli jagħmlu talba għal-leġittima fit-terminu konċess mil-liġi".

3. B'sentenza tat-23 ta' Mejju 2008 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ċaħdet l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u ordnat illi jitkompla s-smigħ tal-kawża.

4. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza tat-23 ta' Mejju 2008 u l-Qorti tal-Appell, b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Settembru 2009, laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza appellata, laqgħet l-eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell kontra l-atturi.

5. Fl-14 ta' Jannar 2010 inħarġet taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji – sitt elef, seba' mija u ħamsa u erbgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 6,745.94) dritt tar-reġistru u tmint elef, tliet mija u sitta u erbgħin

euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€ 8,346.42) dritt tal-avukat – u din it-taxxa ma ġietx attakkata.

6. Fid-19 ta' Frar 2010 inħarġet taxxa tad-drittijiet tal-appell – tmint elef, disa' mija u tlieta u għoxrin euro (€ 8,923) dritt tar-reġistru, għaxart elef, ħames mija u ħamsin euro (€ 10,550) dritt tal-avukat u tlitt elef, ħames mija u sittax-il euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€ 3,516.67) dritt tal-prokuratur legali.

7. B'ittra ġudizzjarja tal-5 ta' Marzu 2010 l-konvenuti fil-kawża 135/1997 sejħu lill-atturi biex iħallsu d-drittijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji tal-ewwel grad u tal-appell.

8. L-atturi mbagħad b'rikors tas-26 t'April 2010 fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti "tordna r-ritassa tad-dritt tar-reġistru, dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali għall-appell fil-kawża fl-ismijiet Anthony Camilleri *et v.* Maria Camilleri *et* kif deċiża … … … fit-23 ta' Settembru 2009".

9. Il-kawża tallum infetħet kontra d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali (Malta) u Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) li wieġbu li t-taxxa nħadmet sew. Tħalla jintervjeni fil-kawża l-Avukat Joseph Ellis, li kien avukat tal-konvenuti fil-kawża 135/1997.

10. L-ewwel qorti bil-provvediment li minnu sar dan l-appell iddeċidiet illi "l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-art. 64(1) tal-Kap. 12" għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Jibda biex jingħad li l-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 jgħid:
>
> > »"(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu intaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li

jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."

»… … …

»Illi Dr Ellis insista li r-rikorrenti kienu naqsu li jimpunjaw it-taxxa rilaxxata mir-reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex, … … … imma qed jippruvaw jimpunjaw it-taxxa rilaxxata mir-Reġistru tal-Qorti tal-Appell. Sostna li ġjaladarba r-rikorrenti ma impunjawx, aċċettaw u ħallsu t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tal-qorti ta' prim'istanza, m'hemmx lok għal reviżjoni tat-taxxa tad-drittijiet u spejjeż fil-Qorti tal-Appell sakemm ma jirriżultax illi r-reġistratur tal-Qorti tal-Appell ħadem it-taxxa b'mod skorrett. Jikkontendi li ġjaladarba r-rikorrenti naqsu li jimpunjaw it-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tal-proċeduri in prim'istanza u jottjenu r-reviżjoni tagħhom, l-eżerċizzju li trid tagħmel din il-qorti huwa limitat biss biex tara jekk ir-regolamenti 38 u 39 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 ġewx applikati korrettament jew le.

»… … … jirriżulta li Anthony Camilleri (8047 G), John Camilleri (48041 G), Michael Camilleri (4652 G), u Agnes Camilleri (75345 G) ġew notifikati permezz tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Marzu 2010 fl-10 u fil-11 ta' Marzu 2010, ma' liema ittra uffiċjali kien hemm annessa t-taxxa maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri. A bażi ta' dan kemm ir-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali (Malta) kif ukoll Dr Ellis eċċepew il-preskrizzjoni minħabba li għadda l-perjodu stabbilit mil-liġi. … … … David Camilleri, Kevin Camilleri u Nathalie Hili ġew notifikati *tramite* l-mamà tagħhom Agnes Camileri mandatarja tagħhom peress li huma jinsabu msiefrin u dan wara l-mewt ta' missierhom Nazzareno Camilleri. Dan minħabba li laħaq għadda l-perjodu ta' xahar konċess mil-liġi sabiex tintalab ir-ritassa, liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza.

»Riferibbilment għal Richard Xuereb, kemm Dr Ellis kif ukoll id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali kemm ta' Malta kif ukoll ta' Għawdex sostnew li dan fil-vesti personali tiegħu m'għandu l-ebda *locus standi* fil-preċeduri odjerni *stante* li huwa daħal fil-kawża li tat lok għal dawn il-proċeduri bħala mandatarju ta' ommu Carmen (26545 G) armla ta' Martin Xuereb meta din siefret, u għalhekk id-direttur isostni li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tal-istess Richard Xuereb fil-vesti personali tiegħu. Mis-sentenza stess … jirriżulta li Richard Xuereb assuma l-atti f'isem ommu Carmen Xuereb li hi assenti.

«Għaldaqstant il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali (Malta) u tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) u s-sottomissjoni ta' Dr Ellis intervenut fil-kawza li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 64(1) tal-Kap 12.

»Spejjeż kontra r-rikorrenti.«

11. L-atturi appellaw. L-aggravji essenzjalment huma (i) illi wħud minnhom ma ġewx notifikati bl-ittra ġudizzjarja tal-5 ta' Marzu 2010 u

għalhekk it-terminu msemmi fl-art. 64(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma bediex igħaddi kontriehom, u (ii) illi fil-meritu t-taxxa ma nħadmitx sew. Komplew fissru l-ewwel aggravju hekk:

»… … … is-sentenza appellata hija milquta minn żball in kwantu l-ewwel onorabbli qorti … … … ma setgħetx tieqaf fejn waqfet u merament tinnota li Richard Xuereb ma ġiex notifikat. … … … mhux biss Richard Xuereb ma ġiex notifikat bl-ittra uffiċjali flimkien mal-bqija tal-partijiet imma lanqas Carmen Xuereb ma ġiet qatt effettivament notifikita b'tali ittra. Minn dan kellu jsegwi li effettivament l-ittra uffiċjali ma setgħetx tagħmel stat fil-konfront ta' dawn ir-persuni u dan għaliex huwa evidenti li dawn iż-żewġ persuni ma ġewx notifikatl bl-istess ittra. Hija allura kontradizzjoni in termini li jiġi stabbilit fl-istess sentenza appellata li persuna jew persuni ma ġewx notifikati bl-ittra uffiċjali filwaqt li minnufih wara jingħad li din l-ittra uffiċjali hija fil-fatt suffiċjenti biex tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet kollha.

»Illi lanqas ma hija raġuni suffiċjenti għal dan l-argument is-sotto-missjoni li Richard Xuereb fir-vesti persunali tiegħu m'għandux *locus standi* u kwindi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Jibda sabiex jingħad li l-ewwel onorabbli qorti f'dan ir-rigward ma lliberatx lil Richard Xuereb mill-osservanza tal-ġudizzju u għaldaqstant jirriżulta li, minkejja dak sottomess mid-direttur appellat, l-istess Richard Xuereb huwa llum il-ġurnata marbut bl-effetti ta' ittra uffiċjali li – huwa paċifiku – ma ġietx notifikata lilu. Dan igħodd in kwantu Richard Xuereb jinsab indikat fl-ittra uffiċjali datata 5 ta' Marzu 2010 "bħala mandatarju t'oħtu imsiefra Carmen armla ta' Martin Xuereb" u tali indikazzjoni ma tistax tiġi injorata għal kollox daqslikieku ma saritx.

»Illi, fuq kollox, lanqas ma jista' jiġi injorat il-fatt li Richard Xuereb mhuwiex ħu Carmen Xuereb imma t-tifel tagħha. Kwindi n-notifika magħmula finalment lanqas ma tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda valida *in vista* tal-iżball evidenti fil-kwalità li fiha eventwalment Richard Xuereb kien ġie indirizzat.

»Illi eventwalment, kif jinsab fuq kollox ġustament notat ukoll mill-ewwel onorabbli qorti, "mis-sentenza stess *a fol*. 43 jirriżulta li Richard Xuereb assuma l-atti f'isem ommu Carmen Xuereb li hi assenti". La Carmen Xuereb baqgħet qatt ma ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali surreferita din l-ittra uffiċjali ċertament ma setgħet qatt tagħmel stat la fil-konfront tagħha u kwindi lanqas fil-konfront tal-*aventi caus*a tagħha.

»Illi għaldaqstant kellu jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-azzjoni odjerna saret interament *entro* ż-żmien konċess mil-liġi anke *in vista* tal-fatt li mhux minnu li l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-esponenti kollha … … … u purkè mqar wieħed mill-intimati ma kienx ġie notifikat jew ma ġiex notifikat kif suppost, m'għandux jitqies li ddekorra l-perijodu ta' de-kadenza. Għaldaqstant lanqas Carmen Xuereb ma ġiet qatt notifikata bl-imsemmija ittra uffiċjali. F'dan ir-rigward Carmen Xuereb qed tappella wkoll mis-sentenza surreferita kif hawnhekk rappreżentata minn ħuha Anthony Camilleri bħala parti interessata fl-ezitu ta' dawn il-proċeduri.

»Illi b'żjieda ma' dan kellu jirriżulta wkoll li … David Camilleri, Kevin Camilleri u Nathalie Hili ma ġewx notifikati u fil-fatt ma jirriżulta minn imkien li sar imqar xi tentattiv għan-notifika tal-istess. Bir-rispett dovut ma jirriżulta minn imkien li kienet teżisti xi raġuni li għaliha David Camilleri, Kevin Camilleri u Nathalie Hili setgħu jiġu notifikati *tramite* ommhom bħala mandatarja. L-intimati fis-sentenza ta' dina l-onorabbli qorti datata 23 ta' Settembru 2009 ma kellhom l-ebda awtorità li jinnominaw lil Agnes Camilleri bħala mandatarja t'uliedha *ai fini* tan-notifika u lanqas ma setgħet tiġi presunta fiha din il-kwalità għaliex att ma jista' qatt jiġi notifikat lil persuna bħala mandatarja fin-nuqqas ta' provi ċari f'dan ir-rigward u kwindi, fin-nuqqas ta' prova ċara li l-persuna kienet effettivament awtorizzata taġixxi bħala mandatarja anki fir-rigward tal-materja indikata fl-ittra uffiċjali, in-notifika tal-mandatarja m'għandhiex u ma tistax isservi bħala notifika valida wkoll ta' persuni indikati bħala mandanti u li effettivament mandanti ma kenux. Konsegwentement il-konklużjoni naturali ta' dan kollu kellu jkun li l-azzjoni odjerna saret *entro* t-terminu previst mil-liġi proprju għaliex il-proċedura tan-notifika tal-partijiet kollha baqgħet qatt ma ġiet debitament konkluża.«

12. L-Avukat Ellis wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

»Illi fl-ewwel lok irid jiġi rilevat … illi Carmen Xuereb qatt ma kienet parti f'dawn il-proċeduri *stante* illi l-mandatarju tagħha, binha Richard Xuereb, daħal f'dawn il-proċeduri fil-vesti personali tiegħu u mhux bħala mandataru tal-imsemmija ommu Carmen. Għaldaqstant, issa m'huwiex possibli jew leċitu illi l-imsemmija Carmen Xuereb tappella mis-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti meta ma hijiex parti f'dina l-kawża. Għaldaqstant, kwalunkwe referenza għalija [*recte,* għaliha] għandha tiġi sfilzata peress illi m'għandhiex *locus standi* f'dawn il-proċeduri.

»Illi l-appellanti wkoll m'humiex igħidu l-verità meta jsostnu illi Richard Xuereb fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju ta' ommu Carmen Xuereb ma ġiex notifikat bl-ittra uffiċjali tal-5 ta' Marzu 2010 *stante* illi huwa fil-fatt ġie notifikat fit-8 ta' Ġunju 2010. Il-punt fundamentali jibqa' illi Richard Xuereb ħarrek personalment u mhux bħala mandatarju ta' ommu Carmen Xuereb u fil-vesti personali tiegħu ma għandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, l-appellati għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu. Il-fatt illi l-ittra uffiċjali suċitata erronjament irreferiet għall-imsemmija Carmen Xuereb bħala oħt il-mandatarju Richard Xuereb u mhux bħala ommu bl-ebda mod ma tepura tali nuqqas kif qed jippruvaw jittentaw l-appellanti.

»Illi fir-rigward ta' Agnes Camilleri u wliedha, hija stess qiegħda tiddikjara fir-rikors tal-appell tagħha illi tirrappreżenta lil binha assenti. Illi anke fil-proċeduri illi taw lok għal dina r-ritassa, hija kienet qed tidher għal uliedha u għalhekk l-ittra uffċjali ġiet indirizzata b'dak il-mod. *Inoltre*, l-imsemmija Agnes Camilleri kellha kwalunkwe opportunità illi tiddikjara fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali illi hija fil-fatt ma tirrappreżentax lil xi wieħed jew aktar minn uliedha imma naqset illi tagħmel dan. Għaldaqstant, huwa tassew skorrett illi issa, fl-istadju tal-appell, jitqanqlu dubji f'dan ir-rigward meta, fir-rikors promotur, la Agnes Camilleri u lanqas uliedha bl-ebda mod ma kkontestaw il-validità tan-notifika tal-ittra uffiċjali msemmija.«

13. Biex jiġi eliminat kull ekwivoku, jingħad minn issa illi qegħdin igħidu ħażin l-atturi appellanti li "Richard Xuereb huwa llum il-ġurnata marbut bl-effetti tal-ittra uffiċjali". Richard Xuereb kien notifikat bl-ittra ġudizz-jarja "bħala mandatarju t'oħtu [*recte*, ta' ommu] msiefra Carmen (26545 G) armla ta' Martin Xuereb", u mhux f'ismu personali. Barra minn hekk ma kienx parti fil-kawża li tagħha nħarġet it-taxxa ta' drittijiet u għalhekk Richard Xuereb *proprio* ma hu marbut b'ebda obbligazzjoni u ma għandux *locus standi*. Għamlet sew għalhekk l-ewwel qorti li ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju, mhux lil Martin Xuereb, iżda lill-konvenuti safejn il-kawża tallum infetħet (ħażin) f'isem Martin Xuereb *proprio* wkoll. Għall-korrettezza jingħad ukoll illi mandatarju ma huwiex *aventi causa* mill-mandant.

14. Lanqas ma kien ikun daqstant fatali l-fatt illi fl-ittra ġudizzjarja ngħad illi l-persuna li f'isimha kien imsejjah Martin Xuereb hija oħtu Carmen Xuereb meta din hija ommu. Carmen Xuereb hija biżżejjed identifikata bin-numru tal-karta tal-identità tagħha u bħala l-armla ta' Martin Xuereb u għalhekk ma hemm ebda dubju dwar l-identità tagħha. Kieku tassew l-ittra kienet notifikata f'idejn Martin Xuereb kienet tkun tiswa bħala notifika lil Carmen Xuereb. Dan juri, veru, nuqqas ta' attenzjoni li ma għandux ikun fit-tħejjija ta' atti ġudizzjarji iżda ma jwassal għal ebda konsegwenza traġika.

15. Il-kwistjoni hi jekk id-debituri kollha – atturi fil-kawża 135/1997 – kinux notifikati bl-ittra ġudizzjarja tal-5 ta' Marzu 2010.

16. Naraw qabel xejn min kienu l-atturi f'dik il-kawża u min, għalhekk, kellu jiġi notifikat bl-ittra ġudizzjarja. Kienu dawn:

    i. Anthony Camilleri f'ismu u f'isem John Camilleri;

    ii. Agnes Camilleri u wliedha David, Kevin u Nathalie miżżewġa Hili; dawn kienu daħlu fil-kawża flok Nazzareno Camilleri li kien ġie nieqes;

    iii. Michael Camilleri; u

    iv. Carmen Xuereb li kien deher għaliha binha Richard Xuereb.

17. Ħlief għal Carmen Xuereb, dawn kollha huma parti fil-proċeduri tallum. Huwa parti wkoll Richard Xuereb li, iżda, kif rajna, ma kellux ikun parti f'ismu proprju billi ma kienx parti fil-kawża li għaliha nħarġet it-taxxa u għalhekk ma huwiex debitur. Inċidentalment, fir-rikors tal-appell jingħad illi "Carmen Xuereb qed tappella wkoll mis-sentenza surreferita kif hawnhekk rappreżentata minn ħuha Anthony Camilleri bħala parti interessata fl-ezitu ta' dawn il-proċeduri". Fil-fatt għalkemm l-isem ta' Carmen Xuereb ma jidhirx fl-*occhio* tal-kawża, ir-rikors tal-appell sar minn Anthony Camilleri f'isem Carmen Xuereb ukoll, presumibilment taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

18. Biex jibda jgħaddi ż-żmien ta' dekadenza ta' xahar imsemmi fl-art. 64(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili t-taxxa kellha tiġi notifikata lid-debituri, *i.e.* lill-atturi fil-kawża 135/1997.

19. Billi d-debituri kienu atturi f'dik il-kawża, kienu marbuta b'dak li jgħid u jrid l-art. 186(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**186.** (1) Meta jidhru flimkien żewġ partijiet jew iżjed, huma għand-hom, meta jippreżentaw l-iskrittura, minbarra li jagħtu l-indirizzi rispett-ivi tagħhom, isemmu b'mezz ta' nota, waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 180[1], bħala dik li lilha għandhom jiġu, fl-isem ta' kulħadd, innotifikati t-tweġiba u l-atti l-oħra kollha tal-parti kuntrarja.«

20. Ma jidhirx illi l-atturi mxew kif irid dan is-sub-artikolu għax fiċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża 135/1997 taw biss l-indirizzi individwali tagħhom u ma semmew ebda persuna li tilqa' n-notifika tal-atti f'isimhom ilkoll. Il-konvenuti flok insistew illi l-atturi jimxu kif trid il-liġi għażlu li jfittxu li jinnotifikawhom bl-ittra ġudizzjarja fl-indirizzi individwali tagħhom. In-notifiki saru hekk:

    i. Anthony Camilleri ġie notifikat fl-10 ta' Marzu 2010;

    ii. John Camilleri ġie notifikat fil-11 ta' Marzu 2010;

    iii. Agnes Camilleri ġiet notifikata fl-10 ta' Marzu 2010 – Agnes Camilleri iżda kienet imsejħa fl-ittra ġudizzjarja mhux f'isimha iżda f'isem uliedha David, Kevin u Nathalie miżżewġa Hili, u għalhekk Agnes Camilleri *proprio* ma tistax titqies li kienet notifikata u jistgħu jitqiesu li kienu notifikati f'idejha dawk biss fost it-tliet uliedha li kienet mandatarja tagħhom. Min-nota tal-assunzjoni tal-atti wara l-mewt ta' Nazzareno Camilleri[2] jidher illi Agnes Camilleri kienet mandatarja ta' David Camilleri biss, u għalhekk Agnes Camilleri *proprio*, Kevin Camilleri u Nathalie Hili ma kinux notifikati bl-ittra ġudizzjarja;

    iv. Michael Camilleri ġie notifikat fl-10 ta' Marzu 2010; u

---

1 "Persuni li jistgħu jippreżentaw l-iskritturi".

2 *Fol.* 47 tal-atti tal-kawża Anthony Camilleri *et v.* Maria Camilleri *et*, ċitaz. nru 135/1997.

v. Richard Xuereb, li kien imsejjaħ f'isem Carmen Xuereb, ġie notifikat fit-8 ta' Ġunju 2010.

21. Il-fatt illi fost id-debituri hemm xi wħud li ma humiex notifikati bl-ittra ġudizzjarja ma jfissirx, kif jingħad fir-rikors tal-appell, illi "purkè mqar wieħed mill-intimati ma kienx ġie notifikat jew ma ġiex notifikat kif suppost, m'għandux jitqies li ddekorra l-perijodu ta' dekadenza"; ifisser biss illi għal dawk fost id-debituri li ma ġewx notifikati bl-ittra ġudizzjarja ż-żmien ta' dekadenza taħt l-art. 64(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma bediex igħaddi, iżda għad-debituri notifikati beda jgħaddi minn dakinhar tan-notifika. Billi n-notifika kienet għadha ma saritx meta nfetħu l-proċeduri tallum, ma jistax jingħad illi l-azzjoni ta' Agnes Camilleri *proprio*, Kevin Camilleri u Nathalie Hili waqgħet b'dekadanza taħt l-art. 64(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għahekk l-appell ta' dawn safejn jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti fuq dekadenza għandu jintlaqa'.

22. Anthony Camilleri, John Camilleri u Michael Camilleri ġew notifikati fl-10 u fil-11 ta' Marzu 2010, aktar minn xahar qabel ma fetħu l-proċeduri tallum bir-rikors tas-26 t'April 2010. David Camilleri wkoll ġie notifikat f'idejn ommu Agnes Camilleri fl-10 ta' Marzu 2010. Għalhekk l-appell ta' dawn ma għandux jintlaqa'.

23. Carmen Xuereb ġiet notifikata f'idejn Richard Xuereb fit-8 ta' Ġunju 2010, iżda ma kinitx parti fir-rikors tas-26 ta' April 2010. Ukoll jekk l-appell li sar f'isimha bir-rikors tas-27 ta' Novembru 2012 jista' jitqies bħala impunjazzjoni tat-taxxa – li hu dubbjuż għax rikors tal-appell

minn deċiżjoni taħt l-art. 64 ma huwiex ir-rikors li bih taxxa għandha tiġi attakkata taħt l-art. 64(1) – xorta jibqa' l-fatt illi r-rikors tal-appell sar aktar minn xahar wara n-notifika tat-8 ta' Ġunju 2010. Għalhekk l-appell ta' Carmen Xuereb ukoll għandu jiġi miċħud.

24. Ladarba l-azzjoni ta' Agnes Camilleri *proprio*, Kevin Camilleri u Nathalie Hili ma waqgħetx b'dekadenza, u s-sentenza appellata safejn tolqot lil dawn għandha titħassar, imiss lil din il-qorti illi tqis jekk, fil-meritu, l-azzjoni ta' dawn għandhiex tirnexxi.

25. L-aggravju fil-meritu ġie mfisser hekk:

> »… … … assolutament m'huwiex minnu … … … li l-azzjoni intentata permezz tal-kawża surreferita kienet waħda *sic et simplicter* għal-likwidazzjoni tal-leġittima favur l-esponenti. … … … Bil-kontra ta' dan, kif jirriżulta ukoll mis-sentenza tal-onor. Qorti tal-Appell datata 23 ta' Settembru 2009, permezz tac-citazzjoni prezentata fl-10 ta' Lulju 1997 ir-rikorrenti odjerni, atturi f'dawn il-proceduri:
>
> > »"ikkontestaw il-validità tat-testmenti li Ursola Camilleri għamlet wara li miet żewġha, u talbu dikjarazzjoni li dawn it-testmenti huma nulli u bla effett (...);
> >
> > »"fin-nuqqas talbu dikjarazzjoni fis-sens li l-legati li għamlet permezz tal-imsemmija testment jaqbżu s-sehem li minnu setgħet tiddisponi Ursola Camilleri, sabiex jiġi stabbilit is-sehem li setgħet tiddisponi minnu d-*decuius* u sabiex il-legati jiġu mnaqqsa sa dak is-sehem li minnu setgħet tiddisponi t-testatriċi."
>
> »Illi, fuq kollox, l-istess kawża surreferita ġiet deċiża mill-onorabbli Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza datata 23 ta' Settembru 2009 bit-tħassir u revoka tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superuri, Sezzjoni Ġenerali fil-23 ta' Mejju 2008 "billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' t-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti appellanti li *stante* li l-atturi appellati filwaqt li matul il-mori tal-kawża irrinunzjaw għall-eredità tad-*decuius* qatt ma fformalizzaw it-talba għal-leġittima".
>
> »Illi dan neċessarjament ifisser li mhux talli l-kawza – fil-fehma tal-onorabbli Qorti tal-Appell – ma kenitx effettivament kawza għall-ħlas tal-leġittima imma talli, ukoll skond l-onorabbli Qorti tal-Appell, l-appell kien jimmerita li jiġi milqugħ proprju minħabba l-fatt li l-azzjoni ma kinitx tinkludi talba formali għal-leġittima.
>
> »… … …
>
> »Illi, b'aktar relevanza għall-kaz odjern, jinsab diġà deċiż permezz tas-sentenza fl-ismijiet <u>Av. Dr Paolo Borg Grech *et v.* Av. Dr Edgar</u>

Buhagiar *noe et* deċiża fit-22 ta' Frar 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li wieħed irid jikkunsidra wkoll jekk talba tkunx saret "jekk ikun hemm bżonn" u jekk dan ikun il-każ tali talba lanqas m'għandha tiġi intaxxata. Hekk illi din l-istess sentenza iċċitat ukoll deċiżjoni aktar antika mogħtija fil-25 ta' Frar 1918 fis-sens li:

> »"Kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet Teresa Azzopardi *v.* Sapienza Debattista 25.2.1918, Vol. XX.ii.415: "*Una domanda proposta colla limitazione della clausola 'occorrendo' non deve essere presa in calcolo nella tassazione delle spese*."

»Illi huwa għaldaqstant ċar li, anke lilhinn minn dak li jinsab deċiż mill-onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża sopraċitita, lanqas ma tista' ssir referenza għat-tieni talba tal-atturi għar-riduzzjoni tal-legati proprju għaliex din it-talba saret f'każ li jkun hemm bżonnha u kwindi jekk ikun hemm bżonn (jew *occorrendo*) f'każ li jirriżulta li effettivament it-testmenti magħmulin minn Ursola Camilleri wara l-mewt ta' żewġha ma kinux nulli *ai fini* u effetti tal-liġi.

»… … …

»Illi huwa minnu li l-esponenti kienu ressqu bħala parti mill-provi tagħhom il-valuri peritali tal-proprjetà relattiva imma dan ma jfissirx illi d-direttur għandu jippresumi minn dan li l-kawża tirrigwardja valur u li kwindi t-taxxa għandha ssir *ad valorem*. Ċertament ma jistax id-direttur jippretendi li jintaxxa kwalunkwe kawża li fiha jkun hemm valuri peritali *ad valorem* bis-saħħa biss tal-fatt illi jkun ġie eżebit tali rapport. Kif jinsab diversi drabi deċiż huma t-talba u l-interess tal-partijiet li jiddetermina l-mod ta' tassazzjoni tal-kawża u mhux il-provi li jkunu ġew imressqin.

»Illi aktar minn hekk, *dato ma non concesso* li l-kawża kellha tiġi intaxxata *ad valorem*, kien ukoll għal kollox inġust da parti tad-direttur illi jirreferi esklussivament għar-rapport peritali tal-atturi mhux biss minkejja t-talba kif dedotta imma wkoll minkejja l-fatt li tali valuri kienu qegħdin jiġu kontestati u effettivament ma ġewx użati f'dik il-proċedura li ġiet terminata ħesrem fuq punt preliminari.«

26. L-Avukat Ellis ressaq, bħala eċċezzjoni preliminari, illi l-atturi qegħdin jimpunjaw biss it-taxxa tad-drittijiet tal-appell, u mhux dik tal-ewwel grad li fuqha nħadmet it-taxxa tal-appell, u għaldaqstant:

> »… … … ġaladarba r-rikorrenti ma impunjawx u aċċettaw it-taxxa tad-drittijiet u spejjez tal-qorti ta' prim'istanza, m'hemmx lok għal reviżjoni tat-taxxa tad-drittijiet u spejjeż fil-Qorti tal-Appell sakemm ma jirriżultax illi r-reġistratur ħadem it-taxxa b'mod [*sc.* aritmetikament] skorrett.«

27. L-Avukat Ellis qiegħed igħid sew. Il-para. 38 tat-tariffa tad-drittijiet li jitħallsu lill-avukati u lill-prokuraturi legali[3] jgħid illi fl-appell id-drittijiet

[3] Tariffa E mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

tal-ewwel grad jiżdiedu b'terz: jekk id-drittijiet tal-ewwel grad inħadmu sew, jew – li huwa l-istess ħaġa – ma ġewx attakkati fiż-żmien li tagħti l-liġi, mela d-drittijiet tal-appell jistgħu jitqiesu ħżiena biss jekk iż-żjieda b'terz tkun aritmetikament żbaljata, li ma huwiex il-każ[4]. F'kull każ u bla ħsara għal dan it-taxxa tal-ewwel grad inħadmet sew, kif ser jiġi imfisser hawn taħt.

28. L-atturi qegħdin igħidu illi t-talba li fuqha kellhom jinħadmu d-drittijiet hija dik relativa għat-tħassir tat-testmenti u mhux dawk relativi għat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji li jaqbżu s-sehem li minnu setgħet tiddisponi t-testatriċi għax dawk it-talbiet kienu saru biss "*in mancanza* tal-ewwel talba", *i.e.* bħala talbiet sussidjarji li jitqiesu biss jekk l-ewwel talba – dik għat-tħassir tat-testment – ma tintlaqax.

29. Li qegħdin jinsew l-atturi iżda huwa illi b'nota tat-2 ta' Ġunju 2006[5] huma irrinunzjaw għall-ewwel talba u għalhekk baqgħu x'jitqiesu biss it-talbiet dwar jekk bit-testmenti tagħha t-testatriċi iddisponietx aktar mis-sehem li setgħet tiddisponi minnu. Għalhekk jaqa' l-argument li t-taxxa ma tinħadimx fuq talbiet sussidjarji għax dawk it-talbiet ma baqgħux sussidjarji wara li l-atturi ċedew l-ewwel talba.

30. L-argument l-ieħor tal-atturi hu illi l-kawża 135/1997 ma kinitx fuq valur ladarba l-qorti, wara li sabet illi l-atturi ma kellhomx interess ġuridiku f'dik il-kwistjoni, ma daħlitx fil-kwistjoni tal-valur tas-sehem li minnu

4 Fil-fatt hemm żball aritmetiku għax id-drittijiet żdiedu b'anqas minn terz, iżda dan l-iżball huwa favur l-atturi mhux kontriehom.

5 *Fol*. 162 tal-atti tal-ewwel qorti.

setgħet tiddisponi t-testatriċi. L-Avukat Ellis iżda josserva illi l-każ jintlaqat bil-para. 14 tat-tariffa:

> »14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13[6], fuq il-valur hekk stabbilit.«

31. Id-deċiżjoni fis-sentenza li dwarha nħarġet it-taxxa ta' drittijiet kienet dwar eċċezzjoni tal-konvenuti li tgħid hekk:

> »il-karenza ġuridika tal-atturi fil-prosegwiment ta' dina l-kawża *stante* illi fil-mori ta' din il-kawża huma għażlu li jirrinunzjaw għall-wirt tad-*de cuius* u naqsu milli jagħmlu talba għal-leġittima fit-terminu konċess mil-liġi.«

32. Il-qorti tal-ewwel grad kienet ċaħdet din l-eċċezzjoni iżda l-Qorti tal-Appell laqgħetha għax it-talba li kienu għamlu l-atturi kienet għat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji li jaqbżu s-sehem li t-testatriċi setgħet tiddisponi minnu u mhux biex jitolbu l-leġittima.

33. L-eċċezzjoni ma hijiex waħda ta' dekadenza talli t-talba għal-leġittima ma saritx fiż-żmien li jagħti l-art. 845(1) tal-Kodiċi Ċivili – fil-fatt talba għal-leġittima ma saritx – iżda hija eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku – dak li l-eċċipjenti sejħulu "karenza ġuridika" – għax l-atturi ma għandhomx interess jitolbu t-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji ladarba huma irrinunzjaw għall-wirt u ma talbux il-leġittima. Għalhekk, għalkemm id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell kienet li "tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' t-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti" effettivament kienet qiegħda teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju minħabba nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-atturi.

6 Drittijiet għal sentenza definittiva.

34. Għalhekk id-disposizzjoni applikabbli tat-tariffa ma hijiex dik tal-para. 14 iżda tal-para. 27:

> »27. F'każ ta' sentenza ta' ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju, jekk is-sentenza tiġi mogħtija fuq eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu prinċipali tal-kawża, jingħata lill-avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull każ ieħor jingħata nofs l-imsemmi dritt. «

35. Fil-każ tallum l-eċċezzjoni kienet tolqot il-"meritu prinċipali tal-kawża", *viz.* jekk l-atturi kellhomx interess ġuridiku fit-talbiet tagħhom, u għalhekk kellu jiġi intaxxat id-dritt stabbilit fil-para. 13, kif fil-fatt ġara.

36. It-taxxa għalhekk inħadmet sew u t-talba tal-atturi biex it-taxxa tinħadem mill-ġdid ma għandhiex tintlaqa'.

37. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti:

    i. tiċħad l-appell ta' Anthony Camilleri, John Camilleri, Michael Camilleri, David Camilleri u Carmen Xuereb billi t-talba ta' dawn ma saritx fiż-żmien li jagħti l-art. 64(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata safejn tolqot lil dawn l-appellanti;

    ii. ma tqisx l-appell ta' Richard Xuereb billi dan ma għandux leġittimazzjoni attiva fil-proċeduri; u

    iii. tilqa' l-appell ta' Agnes Camilleri, Kevin Camilleri u Nathalie Hili u għalhekk tħassar is-sentenza appellata fejn ċaħdet it-talbiet ta' dawn l-appellanti minħabba preskrizzjoni (*recte*, dekadenza) taħt l-imsemmi artikolu 64(1) iżda fil-meritu tiċħad it-talba sabiex id-drittijiet ġudizzjarji jiġu intaxxati mill-ġdid.

38. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-appellanti, ħlief illi l-ispejjeż ta' Agnes Camilleri, Kevin Camilleri u Nathalie Hili jinqasmu bin-nofs bejn l-istess tliet appellanti u d-Diretturi, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Malta u ta' Għawdex. L-Avukat Ellis, bħala intervenut fil-kawża, iħallas l-ispejjeż tiegħu.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
df